

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2181**tas-16 ta' Diċembru 2019****li jispjefika karatteristiċi tekniċi fir-rigward ta' punti komuni għal diversi settijiet tad-data skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fil-livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008, u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ċerti punti statistiċi huma komuni għal diversi settijiet tad-data fost is-seba' dominji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700. Fl-interess tal-komparabbiltà u biex ikunu żgurati l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tagħhom madwar l-Unjoni, jenħtieġ jiġu speċifikati l-karatteristiċi tekniċi elenkati fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament u dawn jenħtieġ japplikaw għad-dominji kollha.
- (2) L-istatistika hi meħtieġa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell reġjonali. L-Istati Membri jenħtieġ jittrażmettu statistika lill-Kummissjoni mqassma skont l-unitajiet territorjali. Biex tiġi stabbilita statistika reġjonali komparabbli, id-data dwar l-unitajiet territorjali jenħtieġ għalhekk tingħata skont il-klassifikazzjoni NUTS.
- (3) L-istatistika dwar l-edukazzjoni, l-okkupazzjoni u s-setturi ekonomiċi jenħtieġ tkun komparabbli internazzjonalment, u għalhekk l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ jużaw klassifikazzjonijiet statistiċi li huma kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet ISCED ⁽²⁾, ISCO ⁽³⁾ u NACE ⁽⁴⁾.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi tal-popolazzjonijiet statistiċi u l-unitajiet tal-osservazzjoni, kif ukoll deskrizzjonijiet tal-varjabbli u tal-klassifikazzjonijiet statistiċi, għall-punti komuni għal diversi settijiet tad-data koperti mir-Regolament (UE) 2019/1700.

Artikolu 2**Definizzjonijiet użati biex jiġu speċifikati l-karatteristiċi tekniċi tas-settijiet tad-data**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

⁽¹⁾ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

⁽²⁾ Il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni, il-verżjoni tal-2011, <http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf> (disponibbli wkoll bl-Ingliż u bil-Franċiż).

⁽³⁾ Il-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi, il-verżjoni tal-2008, <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1978984/6037342/ISCO-08.pdf> (din il-verżjoni hi bl-Ingliż, iżda tista' tinstab ukoll bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

- (1) “abitazzjoni” jew “unità residenzjali” tfisser binja, parti minnha, stabbiliment ieħor jew post tal-abitazzjoni użat għall-abitazzjoni tal-bnedmin, u tinkludi “abitazzjonijiet konvenzjonali” u “unitajiet oħra tal-akkomodazzjoni” kif definiti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009 ^(*);
- (2) “unità domestika ta’ persuna waħda” tfisser unità domestika privata li fiha tgħix waħedha f’unità residenzjali separata, jew li tokkupa, bħala kerrej, xi kamra (jew kmamar) separata/i iżda li ma tikkondividix ma’ xi wieħed mill-okkupanti l-oħra tal-unità residenzjali biex tiffirma parti minn unità domestika ta’ diversi persuni;
- (3) “unità domestika privata ta’ diversi persuni” tfisser unità domestika privata li fiha normalment jgħix grupp ta’ żewġ persuni jew aktar ġo unità residenzjali jew ġo parti minn unità residenzjali u li jikkondividi l-introjt jew l-ispejjeż tal-unità domestika mal-membri l-oħra tal-unità domestika;
- (4) “membru tal-unità domestika” tfisser ir-residenza abitwali ta’ unità domestika privata;
- (5) “dar tal-familja” tfisser unità residenzjali okkupata mill-membri ta’ unità domestika ta’ diversi persuni, u minn persuna li tqatta’ xi ħin band’oħra iżda li żżomm rabtiet mill-qrib mal-membri tal-unità domestika privata ta’ diversi persuni, speċjalment permezz ta’ relazzjonijiet familjari jew soġġorni regolari;
- (6) “kondiviżjoni tal-introjt tal-unità domestika” tfisser li persuna tikkontribwixxi għall-introjt ta’ unità domestika privata jew li tibbenefika minn introjt ta’ unità domestika privata, jew it-tnejn li huma;
- (7) “spejjeż tal-unità domestika” tfisser l-ispejjeż imġarrba minn membri ta’ unità domestika privata biex ikollhom l-essenzjali għall-ġajxien. Dawn jinkludu l-ispejjeż relatati mad-dar (jiġifieri l-kera, l-imposti tad-dar jew tal-appartament, u l-assigurazzjoni residenzjali) kif ukoll spejjeż oħra relatati mal-ħajja ta’ kuljum, fosthom ħtiġijiet bħall-ikel, il-ħwejjeġ, il-prodotti sanitarji, l-għamara, it-tagħmir u l-utensili, l-ivvjaġġar minn post għall-ieħor u trasport ieħor, il-kura medika u l-assigurazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-attivitajiet sportivi u divertenti u l-vaganzi;
- (8) “istituzzjoni” tfisser korp jew stabbiliment ġuridiku li jipprovdu akkomodazzjoni fit-tul lil grupp ta’ persuni u l-faċilitajiet u s-servizzi meħtieġa għall-ħajja ta’ kuljum. Il-maġġoranza tal-istituzzjonijiet jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin:
 - sptarjiet, djar għall-konvalexxenza, stabbilimenti għall-persuni b’diżabbiltà, istituzzjonijiet psikjatriċi, djar tal-anzjani u djar tal-kura;
 - faċilitajiet tal-ġajxien assistit u istituzzjonijiet tal-assistenza soċjali, inkluż dawk għall-persuni mingħajr saqaf, dawk li jitolbu l-ażil jew ir-refuġjati;
 - kampijiet militari u każermi;
 - istituzzjonijiet korrettivi u penali, ċentri taż-żamma u ta’ kustodja, ħabsijiet;
 - istituzzjonijiet reliġjużi;
 - dormitorji tal-istudenti terzjarji (skont arranġamenti speċifiċi).

Artikolu 3

Karatteristiċi tekniċi tal-popolazzjonijiet statistiċi u tal-unitajiet tal-osservazzjoni

1. L-unitajiet tal-osservazzjoni għandhom ikunu unitajiet domestiċi privati jew membri ta’ unitajiet domestiċi privati.
2. Meta persuna tkun tgħix regolarment f’iżjed minn abitazzjoni waħda, l-abitazzjoni li fiha din il-persuna tqattal-iżjed ħin tul is-sena għandha titqies bħala r-residenza abitwali tagħha, irrispettivament minn jekk din tkunx qiegħda band’oħra fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.
3. Waqt l-applikazzjoni tal-kunċett statistiku ta’ residenza abitwali, il-każijiet partikolari għandhom jiġu trattati kif previst fl-Artikolu 4.
4. Il-persuni li jgħixu bħala residenti abitwali fil-lukandi għandhom, fil-prinċipju, jiġu esklużi mill-popolazzjoni tal-unitajiet domestiċi privati. Iżda jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal dik il-popolazzjoni jekk is-sitwazzjoni tagħhom tkun definita hekk fil-pajjiż ta’ residenza tagħhom, u f’dan il-każ dan għandu jiġi deskritt b’mod ċar fir-rapport tal-kwalità msemmi fir-Regolament (UE) 2019/1700.

^(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009 tat-30 ta’ Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom (ĠU L 329, 15.12.2009, p. 29).

5. L-unitajiet domestiċi privati jistgħu jeskludu lill-persuni li jkollhom bżonn kenn u sussistenza minn istituzzjoni u li, fid-data ta' referenza (kif definita għal għbir speċifiku tad-*data*), qattgħu, jew aktarx iqattgħu, 12-il xahar jew aktar jgħixu hemm.
6. Il-persuni li jwettqu servizz militari obbligatorju (koskritti) huma inklużi fil-popolazzjoni tal-unitajiet domestiċi privati jekk is-servizz tagħhom idum inqas minn 12-il xahar jew jekk iqattgħu ħin sinifikanti fid-dar tal-familja u jiddependu fuq il-ġenituri tagħhom, il-kustodji legali tagħhom, jew membri oħra tal-familja waqt li jkunu qed iwettqu s-servizz militari obbligatorju. B'deroga, għall-finijiet tal-għbir tad-*data* għad-dominju tal-forza tax-xogħol, il-koskritti kollha għandhom jiġu esklużi mill-popolazzjoni tal-unitajiet domestiċi privati.
7. Il-persuni kollha li normalment huma residenti, irrISPettivament minn jekk humiex relatati ma' xi membri oħra tal-unità domestika privata, għandhom jitqiesu li huma membri ta' unità domestika privata ta' diversi persuni jekk dawn ikunu jikkondividu l-introjt jew l-ispejjeż tal-unità domestika ma' membri oħra tal-unità domestika. Il-koinkwilini jew il-kookkupanti ta' unità residenzjali li huma bbażati fuq kondivizzjoni ta' unità domestika u li jikkondividu biss l-ispejjeż relatati mal-unità domestika, iżda li ma jikkondividux l-introjt tal-unità domestika, ma għandhomx jitqiesu bħala parti minn unità domestika privata ta' diversi persuni li tokkupa din l-unità residenzjali, anki jekk dawn ikunu jikkondividu xi spejjeż sussidjarji oħra tal-unità domestika.
8. Jekk ma jkunx fattibbli li jiġi stabbilit jekk humiex issodisfati l-kriterji għal unitajiet domestiċi privati ta' persuna waħda jew ta' diversi persuni, għandhom jitqiesu l-fehmiet tal-persuna intervistata dwar is-sitwazzjoni tagħha fil-konfront tal-persuni l-oħra residenti fl-abitazzjoni.
9. Meta f-abitazzjoni waħda jkunu jeżistu diversi unitajiet domestiċi privati, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jirreġistraw id-*data* għall-unitajiet domestiċi kollha f'din l-abitazzjoni.
10. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jevitaw li jirreġistraw l-istess persuni darbtejn.

Artikolu 4

Każijiet partikolari waqt l-applikazzjoni tal-kunċett ta' residenza abitwali

1. Persuna li tul il-ġimgħa taħdem 'il bogħod mid-dar tal-familja u li normalment fi tmiem il-ġimgħa terġa' lura fid-dar tal-familja għandha tqis id-dar tal-familja bħala r-residenza abitwali tagħha, irrISPettivament minn jekk il-post tax-xogħol tagħha jkunx band'oħra fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.
2. L-istudenti tal-iskola primarja u sekondarja li jkunu 'l bogħod mid-dar tal-familja waqt il-perjodu tal-iskola għandhom iqisu d-dar tal-familja tagħhom bħala l-post tar-residenza abitwali tagħhom irrISPettivament minn jekk ikunux qed isegwu l-edukazzjoni tagħhom band'oħra fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.
3. F'każ ta' minuri dipendenti li jalternaw bejn żewġ postijiet ta' residenza, il-post fejn dan iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu għandu jitqies bħala r-residenza abitwali tiegħu.

Jekk il-minuri jqattal-istess ammont ta' ħin maż-żewġ gwardjani legali jew mal-ġenituri, il-post tar-residenza abitwali ta' dak il-minuri għandha tkun il-post ta' residenza tal-gwardjan legali jew tal-ġenitur li jirċievi l-benefiċċji tat-tfal jew, il-post ta' residenza tal-gwardjan legali jew tal-ġenitur li jikkontribwixxi l-aktar għall-ispejjeż relatati mal-minuri.

Jekk ma tkun tapplika l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, il-post fejn ikun jinsab il-minuri fid-data ta' referenza (kif definit għal għbir speċifiku tad-*data*) għandu jitqies bħala r-residenza abitwali tiegħu.

Fil-każ ta' għbir tad-*data* lonġitudinali, it-tfal li jalternaw bejn żewġ postijiet ta' residenza għandhom jitqiesu fl-istess post ta' residenza waqt mewġiet differenti tal-għbir tad-*data*, sakemm ma nbidlitx is-sitwazzjoni tal-ħajja.

4. Għall-għbir tad-*data* organizzat għad-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u d-dominju tal-konsum, għandhom japplikaw dawn ir-regoli speċifiċi addizzjonali li ġejjin:
 - (a) il-persuni li jgħixu barra mid-dar tal-familja tagħhom għal perjodu ta' żmien estiż minħabba xogħol, irrISPettivament minn jekk ikunux fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż, għandhom iqisu d-dar tal-familja tagħhom bħala l-post ta' residenza abitwali tagħhom jekk dawn ikunu qed jikkontribwixxu għmiel għall-introjt tal-unità domestika u ma jkunux residenti abitwali ta' xi unità domestika privata oħra;
 - (b) l-istudenti terzjarji li jkunu 'l bogħod mid-dar tal-familja tagħhom waqt li jkunu qed isegwu l-edukazzjoni tagħhom f'kulleġġ jew l-università, irrISPettivament minn jekk ikunux band'oħra fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż, għandhom iqisu d-dar tal-familja tagħhom bħala l-post ta' residenza abitwali tagħhom jekk dawn ikunu qed jibbenefikaw mill-introjt tal-unità domestika u ma jkunux residenzi abitwali ta' xi unità domestika privata oħra.

F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ir-regoli stabbiliti f'dan il-paragrafu. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fir-rapporti tal-kwalità tagħhom il-kriterji applikati u għandhom jiżguraw ir-rappurtar xieraq tad-*data* dwar it-trasferimenti bejn l-unitajiet domestiċi, inkluż il-pagamenti f'isem l-istudent.

Ir-regoli stabbiliti f'dan il-paragrafu jistgħu japplikaw ukoll għad-dominji l-oħra, u f'dan il-każ l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun deskritta fir-rapporti tal-kwalità.

Artikolu 5

Deskrizzjoni tal-varjabbli u l-klassifikazzjonijiet statistiċi

L-Anness ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi deskrizzjonijiet u klassifikazzjonijiet għall-varjabbli komuni għal diversi settijiet tad-*data*.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Id-deskrizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet għall-varjabbli komuni għal diversi settijiet tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2019/1700

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
Ġeneru	Il-ġeneru hu l-kombinazzjoni ta' karatteristiċi bijoloġiċi u fiżjoloġiċi li jiddefinixxu persuna bħala maskili jew femminili. Meta l-ġeneru bijoloġiku ta' persuna ma jkunx magħruf, l-informazzjoni tista' tinbidel b'informazzjoni mid- <i>data</i> amministrattiva jew il-ġeneru awtodikjarat (<i>data</i> tal-istħarriġ).	— Raġel — Mara
Età fi snin magħluqa	L-età fi snin magħluqa hi l-età tal-persuna fl-aħħar għeluq sninha qabel id- <i>data</i> ta' referenza tal-ġbir tad- <i>data</i> jew tal-intervista, jiġifieri l-intervall taż-żmien bejn id- <i>data</i> tat-twelid u d- <i>data</i> ta' referenza, espress fi snin magħluqa. L-informazzjoni li ġejja għandha tingħata għal dan il-varjabbli: — Sena tat-twelid — Jekk id- <i>data</i> ta' għeluq is-snin tkunx għaddiet fid- <i>data</i> ta' referenza jew le — Data ta' referenza Id- <i>data</i> ta' referenza hi speċifika għal kull ġbir tad- <i>data</i> (dominju) kif speċifikat fil-leġislazzjoni korrispondenti ta' implimentazzjoni. Iżda fil-każ ta' pajjiżi li jużaw sistema integrata ta' sħarriġijiet tal-unitajiet domestiċi b'ġimgħa ta' referenza fissa, id- <i>data</i> ta' referenza tkun l-aħħar jum tal-ġimgħa ta' referenza.	— Sena tat-twelid (4 ċifri) — Id- <i>data</i> ta' għeluq is-snin tkunx għaddiet fid- <i>data</i> ta' referenza jew le — Data ta' referenza (JJ/XX/SSSS)
Sħab li jgħixu fl-istess unità domestika	Sħab li jgħixu fl-istess unità domestika privata huma persuni li jgħixu ma' persuna oħra meqjusa bħala sieħeb/sieħba abbażi tal-arranġamenti tal-għajxien attwali tagħhom fl-unità domestika privata, irrISPettivament minn jekk ir-relazzjoni mas-sieħeb/sieħba tkunx irreġistrata legalment (eż. żwieġ jew unjoni ċivili) jew relazzjoni <i>de facto</i> . "Sieħeb/sieħba" jista' jiġi definit skont l-istatus tar-relazzjoni legali (ir-raġel jew il-mara jew is-sieħeb/sieħba ċivili) jew <i>de facto</i> (is-sieħeb/sieħba jew il-konkubin(a)) tar-relazzjoni.	— Persuna li tgħix ma' sieħeb/sieħba legali jew <i>de facto</i> — Persuna li ma tgħixx ma' sieħeb/sieħba legali jew <i>de facto</i> — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Tip ta' unità domestika	It-tip ta' unità domestika hu definit minn kompożizzjoni ta' unità domestika privata, fejn: — "Ġenitur waħdu" hu ġenitur li ma jgħixx ma' sieħeb/sieħba (legali jew <i>de facto</i>) fl-istess unità domestika privata li jkollu ħafna mir-responsabilitajiet ta' kuljum fit-trobbija tal-ulied.	— Unità domestika b'persuna waħda — Ġenitur waħdu b'mill-inqas wild wieħed li għandu inqas minn 25 sena — Ġenitur waħdu bit-tfal li jkoll għandhom 25 sena jew aktar — Koppja mingħajr tfal — Koppja b'mill-inqas wild wieħed li għandu inqas minn 25 sena — Koppja bit-tfal li jkoll għandhom 25 sena jew aktar — Tip ieħor ta' unità domestika — Ebda risposta ⁽¹⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	— It-termini “wild” jew “ulied/tfal” jirreferu għall-preżenza ta’ iben tifel jew subien jew ta’ bint tifla jew bniet fl-unità domestika, ta’ iben jew bint naturali jew adottati, jew ta’ iben jew bint il-mara jew ir-raġel. “Iben jew bint naturali jew adottati jew iben jew bint il-mara jew ir-raġel” tirreferi għal membru (bijoloġiku) naturali, adottat jew miż-żwieġ preċedenti tal-familja, irrispettivament mill-età jew mill-istatus tas-sħubija jew tar-relazzjoni, li jkollu r-residenza abitwali tiegħu fl-unità domestika privata ta’ mill-anqas wieħed mill-ġenituri. “Adozzjoni” tfisser it-teħid u t-trattament ta’ wild bijoloġiku ta’ ġenituri oħra daqslikieku kienu tal-persuna stess kif previst mil-liġijiet tal-pajjiż fejn permezz ta’ proċess ġudizzjarju l-wild adottat — kemm jekk relatat jew le ma’ min jadottah — jikseb id-drittijiet u l-istatus ta’ wild bijoloġiku mwiedel mill-ġenituri li jadottawh. “Iben jew bint il-mara jew ir-raġel” tirreferi għal sitwazzjoni meta ġenitur bi żwieġ ieħor jittratta wild is-sieħeb/siehbha tiegħu daqslikieku tiegħu sa fejn previst mil-liġijiet tal-pajjiż, mingħajr ma jadottah; it-tfal fosterjati u t-tfal tar-rispett mhumiex koperti minn din il-kategorija. — “Koppja” hi definita bħala par individwi meqjusa bħala sħab ftermini tal-arranġamenti tal-għajxien attwali tagħhom fl-unità domestika, irrispettivament minn jekk ir-relazzjoni mas-sieħeb/siehbha tkunx relazzjoni rreġistrata legalment (eż. żwieġ jew unjoni ċivili) jew <i>de facto</i> (konkubini). — Tipi oħra ta’ unitajiet domestiċi huma dawk li ma jaqgħux f’xi waħda mill-kategoriji ta’ hawn fuq	
Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)	L-istatus awtodefinit tal-attività ewlenija hu l-perċezzjoni proprja tal-persuna tal-aktar attività attwali importanti li tiddekrivi kif il-persuna tipperċepixxi primarjament lilha nnifisha. Filwaqt li għal persuna partikolari jaf ikun japplika aktar minn status ta’ attività wieħed, l-aktar wieħed importanti hu dak meqjus mill-perċezzjoni tal-persuna stess u li jirreferi għas-sitwazzjoni attwali. Il-kategorija “servizz militari jew ċivili obbligatorju” jaf ma tkunx tapplika f’xi pajjiżi, u f’dan il-każ għandha titneħħa.	— Impjegata — Qiegħda — Irtirata — Inkapaċi taħdem minħabba problemi ta’ saħħa deġġiema — Studenta — Twettaq kompiti domestiċi — Servizz militari jew ċivili obbligatorju (jekk applikabbli) — Oħrajn — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit)	Il-varjabbli jiddeskrivi l-involvement tas-soltu tal-ħin fl-impjieg ewlieni ta' persuna b'impjieg, abbażi tal-perċezzjoni tal-persuna stess (jiġifieri, awtodefinit) tas-sigħat tas-soltu maħduma fl-impjieg ewlieni. Il-varjabbli jiddistingwi bejn impjegi full-time jew part-time. It-terminu "impjieg" jintuża b'referenza għall-impjieg. Persuna li taħdem f'impjieg part-time normalment taħdem anqas sigħat minn ħaddiem full-time paragonabbli. Id-distinzjoni tirreferi għas-sigħat li persuna taħdem normalment fl-impjieg ewlieni tul perjodu ta' referenza itwal u dan jiġi awtodefinit, jiġifieri l-persuna trid tiddeċiedi jekk l-impjieg ewlieni tagħha fil-kuntest tal-professjoni jew tal-intrapriża tagħha hux part-time jew full-time.	— Impjieg full-time — Impjieg part-time — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Status tal-impjieg fl-impjieg ewlieni	Il-varjabbli hu bbażat fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istatus fl-Impjieg (I-ICSE) u jirreferi għall-impjieg ewlieni ta' persuna fl-impjieg, kif ġej: — Persuni li jaħdmu għal rashom bl-impjegati — persuni li jaħdmu fin-negozju, fil-prattika professjonali jew fl-azjenda agrikola tagħhom stess għall-fini li jagħmlu qligħ permezz tal-oġġetti jew tas-servizzi prodotti, u li jimpjegaw tal-anqas persuna waħda oħra. — Persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati — persuni li jaħdmu fin-negozju, fil-prattika professjonali jew fl-azjenda agrikola tagħhom stess għall-fini li jagħmlu qligħ permezz tal-oġġetti jew tas-servizzi prodotti, u li ma jimpjegawx persuni oħra. — Impjegati — persuni li jaħdmu għal impjegatur pubbliku jew privat abbażi ta' kuntratt bil-miktub jew verbali u li jirċievu pagament ta' flus kontanti jew <i>in natura</i>. — Ħaddiema tal-familja (bla ħlas) — persuni li jgħinu lil membru ieħor tal-familja fit-tmexxija ta' azjenda agrikola jew negozju ieħor tal-familja, diment li dawn ma jkunux jitqiesu bħala impjegati fis-sens li ma jistgħux jirċievu ħlas għal xogħolhom.	— Persuna li taħdem għal rasha bl-impjegati — Persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati — Impjegata — Ħaddiema tal-familja (bla ħlas) — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni	Il-varjabbli jiddetermina s-settur jew l-attività ekonomiċi tal-unità lokali (l-intrapriża) li fiha jinsab l-impjieg ewlieni — ta' persuna fl-impjieg — skont il-kategoriji stabbiliti mill-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi (NACE ⁽³⁾ Rev. 2).	Il-livell ta' dettall meħtieġ (livell ta' 1, 2 jew 3 ċifri) hu speċifiku għall-kuntest għal kull għbir tal-mikrodata: — NACE Rev. 2 — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)																						
Okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni	Il-varjabbli jiddetermina l-okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni ta' persuna fl-impjieg, klassifikata skont il-kategoriji stabbiliti mill-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjieg, il-verżjoni tal-2008 (ISCO-08) ^(*) .	Il-livell ta' dettall meħtieġ (livell ta' 2 jew 4 ċifri) hu speċifiku għall-kuntest għal kull għbir tal-mikrodata: — ISCO-08 — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾																						
Livell edukattiv milħuq	Il-livell edukattiv milħuq ta' individwu hu l-ogħla livell ISCED (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni 2011 ^(?)) li ntemm b'suċċess. It-tlestija b'suċċess ta' programm edukattiv hi vvalidata bi kwalifika rikonoxxuta uffiċjalment mill-awtoritajiet edukattivi nazzjonali rilevanti jew rikonoxxuta bħala ekwivalenti għal kwalifika oħra tal-edukazzjoni formali. Għall-pajjiżi li l-programmi edukattivi tagħhom, b'mod partikolari dawk li jappartjenu għal-livelli 1 u 2 tal-ISCED, ma jwasslux għal kwalifika, jista' jintuża l-kriterju ta' attendenza sħiħa tal-programm u ta' kisba normali tal-aċċess għal livell edukattiv ogħla. Meta jiġi ddeterminat l-ogħla livell, jenħtieġ jitqiesu kemm l-edukazzjoni ġenerali kif ukoll dik vokazzjonali. Il-kunċett ta' "tlestija b'suċċess ta' programm tal-edukazzjoni" tipikament jikkorrispondi għas-sitwazzjoni meta student jattendi korsijiet jew klassijiet u jikseb il-kwalifika finali relatata ma' programm tal-edukazzjoni formali. F'dan ir-rigward, il-livell edukattiv milħuq jikkorrispondi għall-ogħla livell li ntemm b'suċċess fil-ġerarkija tal-ISCED. Il-livell edukattiv milħuq hu ddefinit skont l-ISCED. Il-kategorija "Mhux applikabbli" trid tintuża biex jingħaddu l-unitajiet statistiċi li huma parti mill-popolazzjoni tas-sors tad-<i>data</i> iżda li għalihom b'mod sistematiku ma tirrapporta l-ebda informazzjoni dwar il-varjabbli (eż. persuni taħt ċerta età).	Il-livell ta' dettall tal-informazzjoni hu speċifiku għall-kuntest għal kull għbir tad-<i>data</i> (id-dominju). Għal kull kategorija hemm indikati kodiċijiet ISCED-A fejn ikun hemm relazzjoni ta' wieħed ma' wieħed bejn kategorija u l-kodiċi Kategoriji addizzjonali huma speċifikati għal sitwazzjonijiet ta' informazzjoni mhux kompluta dwar l-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja jew l-orjentazzjoni kkunsidrati: <table><tr><td>L-ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1</td><td>0</td></tr><tr><td>ISCED 1 — Edukazzjoni primarja</td><td>1</td></tr><tr><td>ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika</td><td>2</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja</td><td>3</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali</td><td>34</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja</td><td>342</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja</td><td>343</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja ġenerali (ġenerali) — tlestija tal-livell, b'aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja</td><td>344</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — mingħajr distinzjoni possibbli tal-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja</td><td>-</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali</td><td>35</td></tr><tr><td>ISCED 3dukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja</td><td>352</td></tr></table>	L-ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1	0	ISCED 1 — Edukazzjoni primarja	1	ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika	2	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja	3	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	34	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	342	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	343	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja ġenerali (ġenerali) — tlestija tal-livell, b'aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	344	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — mingħajr distinzjoni possibbli tal-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja	-	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	35	ISCED 3dukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	352
L-ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1	0																							
ISCED 1 — Edukazzjoni primarja	1																							
ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika	2																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja	3																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	34																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	342																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — tlestija tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	343																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja ġenerali (ġenerali) — tlestija tal-livell, b'aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	344																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (ġenerali) — mingħajr distinzjoni possibbli tal-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja	-																							
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	35																							
ISCED 3dukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	352																							

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)	
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — tlestija tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	353
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — tlestija tal-livell, b'aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	354
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (vokazzjonali) — mingħajr distinzjoni possibbli tal-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja	-
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — orjentazzjoni mhux magħrufa	-
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (orjentazzjoni mhux magħrufa) — tlestija parzjali tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	-
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (orjentazzjoni mhux magħrufa) — tlestija tal-livell, mingħajr aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	-
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (orjentazzjoni mhux magħrufa) — tlestija tal-livell, b'aċċess dirett għall-edukazzjoni terzjarja	-
		ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja (orjentazzjoni mhux magħrufa) — mingħajr distinzjoni possibbli tal-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja	-
		ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	4
		ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — ġenerali	44
		ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali	45
		ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — orjentazzjoni mhux magħrufa	-
		ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra	5
		ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — ġenerali	54

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)	
		ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — vokazzjonali	55
		ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — orjentazzjoni mhux magħrufa	-
		ISCED 6 — Baċċellerat jew livell ekwivalenti	6
		ISCED 7 — Masters jew livell ekwivalenti	7
		ISCED 8 — Dottorat jew livell ekwivalenti	8
		Ebda risposta	
		Mhux applikabbli	
Pajjiż tat-twelid	Il-pajjiż tat-twelid ta' individwu hu ddefinit bħala l-pajjiż tar-residenza abitwali ta' omm l-individwu fil-ħin tal-ħlas, skont il-fruntieri nazzjonali attwali (u mhux skont il-fruntieri fis-seħħ fil-ħin tat-twelid). Jekk l-informazzjoni dwar il-post tar-residenza abitwali tal-omm fil-ħin tal-ħlas ma tkunx disponibbli, għandu jiġi rrapportat il-post fejn ikun seħħ it-twelid. Il-lista tal-pajjiżi u l-kodiċijiet korrispondenti hi ddefinita skont il-lista tal-Kodiċi Standard tal-Eurostat (SCL) GEO ⁽⁶⁾	— Pajjiż tat-twelid (Kodiċi tal-SCL GEO) — Twelid barra mill-pajjiż iżda l-pajjiż tat-twelid mhux magħruf — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾	
Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija	Il-varjabbli jirrapporta dwar il-pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija tal-persuna, definita bħala r-rabta legali partikolari bejn individwu u l-Istat tiegħu, miksuba bit-twelid jew b'naturalizzazzjoni, kemm jekk permezz ta' dikjarazzjoni, għażla, żwieġ jew mezzi oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Persuna li jkollha żewġ ċittadinanzi jew aktar għandha tiġi allokata lil pajjiż wieħed biss taċ-ċittadinanza, li jrid jiġi determinat skont din l-ordni ta' prijetà: — il-pajjiż rapportatur, — jekk il-persuna ma jkollhiex iċ-ċittadinanza tal-pajjiż rapportatur: Stat Membru ieħor, — jekk il-persuna ma jkollhiex iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru: pajjiż ieħor barra l-Unjoni.	— Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija (il-kodiċi tal-SCL GEO) — Apolidi — Ċittadinanza barranija iżda l-pajjiż mhux magħruf — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾	

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	F'każijiet oħra (eż. ċittadinanza doppja fejn iż-żewġ pajjiżi jkunu fl-Unjoni iżda l-ebda wieħed minnhom ma jkun il-pajjiż rapportatur), il-persuna tista' tagħżel liema pajjiż taċ-ċittadinanza għandu jiġi rreġstrat jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, il-pajjiż rapportatur jista' jiddetermina liema pajjiż taċ-ċittadinanza għandu jiġi allokat. Il-lista tal-pajjiżi u l-kodiċijiet korrispondenti hi ddefinita skont il-lista tal-Kodiċi Standard tal-Eurostat (SCL) GEO ⁽⁶⁾. Il-kategorija "Apolidi" tikkorrispondi għal persuna mingħajr ċittadinanza rikonoxxuta ta' stat.	
Pajjiż tat-twelid tal-missier	Il-varjabbli jirrapporta dwar il-pajjiż tat-twelid ta' missier il-persuna, jiġifieri l-pajjiż tar-residenza abitwali (bil-fruntieri attwali tiegħu, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli) ta' omm il-missier il-persuna fil-ħin tal-ħlas tiegħu, jew, fin-nuqqas ta' dan, il-pajjiż (bil-fruntieri attwali tiegħu, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli) li fih seħħ it-twelid ta' missier il-persuna. L-informazzjoni dwar il-pajjiż tat-twelid tal-missier trid tinkiseb skont l-istess regoli kif previsti għall-varjabbli "Pajjiż tat-twelid". Il-"missier" hu ġenitur maskili ta' "iben jew bint", li jkun (bijoloġiku) naturali, adottiv jew ir-raġel tal-omm/tal-missier bi żwieġ ieħor. Jekk il-persuna jkollha mhux biss missier (bijoloġiku) naturali iżda anki eż. missier adottiv jew ir-raġel tal-omm/tal-missier bi żwieġ ieħor, il-pajjiż tat-twelid jenħtieġ jirreferi għal min tabilħaqq rabba lill-persuna u aġixxa bħala l-missier f'sens affettiv jew legali, eż. il-gwardjan raġel. Jekk il-persuna jkollha ġenituri tal-istess ġeneru, li t-tnejn ikunu nisa, dan il-varjabbli jista' jintuża biex jiġi rrappurtat il-pajjiż tat-twelid ta' waħda mill-ommijiet. Il-lista tal-pajjiżi u l-kodiċijiet korrispondenti hi ddefinita skont il-lista tal-Kodiċi Standard tal-Eurostat (SCL) GEO ⁽⁶⁾.	— Pajjiż tat-twelid tal-missier (il-kodiċi tal-SCL GEO) — Missier twieled barra mill-pajjiż iżda l-pajjiż tat-twelid tal-missier mhux magħruf — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Pajjiż tat-twelid tal-omm	Il-varjabbli jirrapporta dwar il-pajjiż tat-twelid ta' omm il-persuna, jiġifieri l-pajjiż tar-residenza abitwali (bil-fruntieri attwali tiegħu, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli) ta' omm l-omm il-persuna fil-ħin tal-ħlas tagħha jew, fin-nuqqas ta' dan, il-pajjiż (bil-fruntieri attwali tiegħu, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli) li fih seħħ it-twelid ta' omm il-persuna. L-informazzjoni dwar il-pajjiż tat-twelid tal-omm trid tinkiseb skont l-istess regoli kif previsti għall-varjabbli "Pajjiż tat-twelid". L-"omm" hi ġenitur mara ta' "iben jew bint", jew (bijoloġika) naturali, adottiva jew il-	— Pajjiż tat-twelid tal-omm (Kodiċi tal-SCL GEO) — Omm twieldet barra mill-pajjiż iżda l-pajjiż tat-twelid tal-omm mhux magħruf — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	mara tal-missier/tal-omm bi żwieġ ieħor. Jekk il-persuna jkollha mhux biss omm (bijoloġika) naturali iżda anki eż. missier adottiv jew il-mara tal-missier/tal-omm, il-pajjiż tat-twelid għandu jirreferi għal min tabilħaqq rabba lill-persuna u aġixxa bħala omm f'sens affettiv jew legali, eż. il-gwardjana mara. Jekk il-persuna jkollha ġenituri tal-istess ġeneru, li t-tnejn ikunu rġiel, dan il-varjabbli jista' jintuża biex jiġi rrapportat il-pajjiż tat-twelid ta' wieħed mill-missirijiet. Il-lista tal-pajjiżi u l-kodiċijiet korrispondenti hi ddefinita skont il-lista tal-Kodiċi Standard tal-Eurostat (SCL) GEO ⁽⁶⁾.	
Pajjiż ta' residenza	Il-pajjiż ta' residenza hu l-pajjiż li fih il-persuna jew l-unità domestika għandha r-residenza abitwali tagħha, skont il-fruntieri nazzjonali kurrenti. Il-lista tal-pajjiżi u l-kodiċijiet korrispondenti hi ddefinita skont il-lista tal-Kodiċi Standard tal-Eurostat (SCL) GEO ⁽⁶⁾.	— Pajjiż ta' residenza (il-kodiċi tal-SCL GEO)
Reġjun ta' residenza	Ir-reġjun ta' residenza hu r-reġjun, fil-pajjiż ta' residenza li fih il-persuna jew l-unità domestika għandha r-residenza abitwali tagħha, definit għall-Istati Membri abbażi tan-Nomenklatura tal-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS) imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 u fl-Anness I tiegħu.	Il-livell ta' dettall (NUTS 1, 2 jew 3) hu speċifiku għall-kuntest għal kull ġbir tal-mikrodata: — Reġjun ta' residenza (il-kodiċi NUTS)
Grad ta' urbanizzazzjoni	Il-varjabbli jirrapporta dwar il-grad ta' urbanizzazzjoni taż-żona li fiha l-persuna jew l-unità domestika għandha r-residenza abitwali tagħha, permezz tal-klassifikazzjoni tal-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU) f'wieħed mit-tliet tipi ta' żona: 1. "Bliet" — żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni fejn tal-anqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentru urban. 2. "Bliet żgħar u subborġi" — żoni b'densità intermedja fejn tal-anqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'raggruppamenti urbani, iżda li mhumiex "bliet". 3. "Żoni rurali" — żoni b'popolazzjoni sparsa fejn aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċelloli tal-grilja rurali.	— Bliet — Bliet żgħar u subborġi — Żoni rurali
Grilja tal-unitajiet domestiċi	Il-grilja tal-unitajiet domestiċi tirrapporta dwar il-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi privati u r-relazzjonijiet intra-familjari bejn il-membri tal-unitajiet domestiċi. Il-grilja tal-unitajiet domestiċi għandha tkun fil-forma ta' matriċi li jkun fiha r-relazzjonijiet bejn kull wieħed mill-membri kollha tal-unità domestika, fejn kull ringiela u kolonna tkun tikkorrispondi għal membru wieħed tal-unità domestika, u fejn ir-relazzjoni bejn il-membri tkun indikata mill-kategoriji standard fiċ-ċelloli fejn jiltaqgħu r-ringiela u l-kolonna tal-membri rispettivi, kif ġej: — "Sieħeb/sieħba" għandu jiġi definit skont l-istatus tas-sħubija jew tar-relazzjoni legali jew <i>de facto</i>.	Il-livell ta' dettall tal-informazzjoni hu speċifiku għall-kuntest għal kull ġbir tal-mikrodata. — Sieħeb/sieħba — Ir-raġel jew il-mara jew is-sieħeb/sieħba ċivili — Sieħeb/sieħba jew konkubin(a) — Iben jew bint — Iben jew bint naturali jew adottati — Iben jew bint il-mara jew ir-raġel — Tifel jew tifla tar-rispett

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	— Ir-“raġel” jew il-“mara” jew is-“sieħeb/sieħba ċivili” għandhom jiġu identifikati skont l-istat ċivili legali, jiġifieri l-istatus konjugali (legali) ta’ kull individwu fir-rigward tal-liġijiet taż-żwieġ (jew l-użanzi) tal-pajjiż (jiġifieri l-istatus <i>de jure</i>), inkluż is-sħab ċivili. Il-membri ta’ koppji tal-istess ġeneru jistgħu jkunu r-“raġel” jew il-“mara” jew is-“sieħeb/sieħba ċivili” jekk dan jiġi konkluż skont il-liġijiet taż-żwieġ (jew l-użanzi) tal-pajjiż. — “Sieħeb/sieħba” jew “konkubin” hu identifikat skont ir-relazzjoni <i>de facto</i>, jiġifieri l-istatus tas-sħubija jew tar-relazzjoni ta’ kull individwu f’termini tal-arranġamenti tal-għajxien attwali tiegħu fl-unità domestika. — “Iben” jew “bint”, kemm jekk naturali jew adottati jew iben jew bint miż-żwieġ ta’ qabel. — “Iben jew bint naturali naturali jew adottati” jew “iben jew bint il-mara jew ir-raġel” tirreferi għal membru (bijoloġiku) naturali, adottat jew miż-żwieġ ta’ qabel tal-familja (irrispettivament mill-età jew mill-istatus tas-sħubija jew tar-relazzjoni) li jkollu r-residenza abitwali fl-unità domestika ta’ mill-anqas wieħed mill-ġenituri. “Adozzjoni” tfisser it-teħid u t-trattament ta’ wild bijoloġiku ta’ ġenituri oħra daqslikieku tal-persuna adottiva stess sa fejn dan ikun previst mil-liġijiet tal-pajjiż. Permezz ta’ proċess ġudizzjarju, sew jekk relatat mal-adottatur u sew jekk le, il-wild adottat jikseb id-drittijiet u l-istatus ta’ wild bijoloġiku mwieded għall-ġenituri adottivi. — “Iben jew bint miż-żwieġ ta’ qabel” tirreferi għal sitwazzjoni meta ġenitur bi żwieġ ieħor jittratta lil wild is-sieħeb/sieħba tiegħu daqslikieku tiegħu sa fejn dan ikun previst mil-liġijiet tal-pajjiż, mingħajr ma jadottah. — “Iben jew bint tar-rispett” hi persuna li tkun is-sieħeb/sieħba legali jew <i>de facto</i> ta’ wild persuna. — “Neputi(ja)” tfisser il-wild ta’ wild ta’ persuna, inkluż it-tfal naturali, adottati u tar-rispett. — “Ġenitur” hu l-kontroparti tal-“iben jew bint naturali jew adottati” (ġenitur naturali jew adottiv) jew “iben jew bint miż-żwieġ ta’ qabel” (ġenitur bi żwieġ ieħor). — “Ġenitur tar-rispett” hi persuna li tkun ġenitur tas-sieħeb/sieħba legali jew <i>de facto</i> ta’ persuna. — “Nannu/a” tfisser ġenitur ta’ ġenitur ta’ persuna, inkluż il-ġenitur naturali, adottiv u bi żwieġ ieħor.	— Neputi(ja) — Ġenitur — Ġenitur naturali jew adottiv — Ġenitur bi żwieġ ieħor — Ġenitur tar-rispett — Nannu/a — Aħwa — Aħwa naturali — Aħwa tar-rispett — Qarib ieħor — Persuna oħra mhux qariba — Ebda risposta (!)

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	— “Aħwa” tirreferi għal aħwa rgħiel u nisa bijoloġiċi, adottivi jew bi żwieġ ieħor. — “Qarib ieħor” tirreferi għal qraha oħra mhux inklużi fil-lista msemmiya fuq, bħall-kuġini, iz-zijiet jew in-neputijiet eċċ. u tkopri wkoll lin-neputijiet tar-rispett, in-nanniet tar-rispett u l-aħwa tar-rispett. — “Persuna oħra mhux qariba” tirreferi għal persuni mhux qraha, bħall-aupairs, il-ħbieb jew l-istudenti konkubini, eċċ. Anki t-tfal iffosterjati għandhom jiġu inklużi f'din il-kategorija.	
Daqs tal-unità domestika	Id-daqs tad-dar domestika hu definit bħala n-numru totali ta' membri ta' unità domestika privata. Il-varjabbli jipprovdi informazzjoni dwar in-numru eżatt tal-membri tal-unità domestika.	— Numru totali tal-membri tal-unità domestika — Ebda risposta
Stat tal-pussess tal-unità domestika	Il-varjabbli jirreferi għall-arranġamenti li skont dawn unità domestika privata tokkupa unità tal-abitazzjoni kollha jew parti minnha, fejn: Il-kategoriji “Sid b'ipoteka pendenti” u “Sid mingħajr ipoteka pendenti” iridu jintużaw għall-unitajiet domestiċi privati fejn tal-anqas membru wieħed ta' dik l-unità domestika jkun is-sid tal-unità tal-abitazzjoni fejn tgħix l-unità domestika, irrispettivament minn jekk xi membru ieħor tal-unità domestika hux inkwilin tal-unità tal-abitazzjoni kollha jew ta' parti minnha. Persuna hi sid jekk ikollha titolu, indipendentement minn jekk id-dar tkunx tħallset kollha jew le. Sid tar-riverżjoni għandu jitqies bħala s-sid. Il-kategorija “Sid b'ipoteka pendenti” tapplika għas-sitwazzjonijiet meta s-sid ikollu jħallas tal-anqas ipoteka pendenti waħda jew l-imgħax pendenti fuq l-ipoteka, jew it-tnejn, meħuda biex jixtri din l-unità tal-abitazzjoni. Il-kategorija “Sid mingħajr ipoteka pendenti” tapplika għas-sitwazzjonijiet meta la hemm ipoteka pendenti u lanqas imgħax li għandu jthallas lura fuq l-ipoteka. Il-ħlas ta' ipoteki jew ta' self fuq id-djar, jew it-tnejn, għal xi unità tal-abitazzjoni oħra (eż. għal abitazzjoni oħra) jew għal tiswijiet, għal rinnovazzjoni, għal manutenzjoni, jew għal xi skop mhux tal-abitazzjoni ma jikkwalifikax. Il-kategoriji “inkwilin, kera bil-prezz tas-suq” jew “inkwilin, kera bi prezz imnaqqas” iridu jintużaw għall-unitajiet domestiċi li tagħhom tal-anqas membru wieħed ikun il-kerrej (unità tal-abitazzjoni mikrija mingħand is-sid) jew is-subinkwilin (unità tal-abitazzjoni sottomikrija mingħand xi ħadd li hu stess ikun inkwilin) tal-unità tal-abitazzjoni fejn ikun joqgħod, u fejn l-ebda membru ma jkun is-sid ta' dik l-unità tal-abitazzjoni.	— Sid mingħajr ipoteka pendenti — Sid b'ipoteka pendenti — Inkwilin, kera bil-prezz tas-suq — Inkwilin, kera bi prezz imnaqqas — Inkwilin, mingħajr kera — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	Il-kategorija “inkwilin, kera bil-prezz tas-suq” tapplika għall-unitajiet domestiċi li minnhom tal-anqas membru wieħed hu l-inkwilin jew is-subinkwilin li jħallas il-kera bi prezzijiet prevalenti jew tas-suq. Il-kategorija tapplika wkoll meta titħallas kera bil-prezz tas-suq iżda din tiġi rkuprata parzjalment jew kollha minn benefiċċji tal-akkomodazzjoni jew minn sorsi oħra, inkluż sorsi pubbliċi, tal-karità jew privati. Il-kategorija “inkwilin, kera bi prezz imnaqqas” tkopri l-unitajiet domestiċi li jgħixu f’unitajiet tal-abitazzjoni bi prezz imnaqqas, jiġifieri bi prezz li jkun anqas mill-prezz tas-suq (iżda mhux mingħajr kera), u tinkludi l-każijiet meta t-tnaqqis fil-prezz jingħata: (a) bil-liġi (b) minħabba skema ta’ abitazzjoni soċjali (c) għal raġunijiet privati (d) minn impjegatur Il-kategorija “inkwilin, mingħajr kera” tkopri l-unitajiet domestiċi li jgħixu f’unitajiet tal-abitazzjoni mingħajr kera, jiġifieri meta ma titħallas l-ebda kera, u tinkludi l-każijiet meta l-kera mingħajr ħlas tingħata (a) bil-liġi (b) minħabba skema ta’ abitazzjoni soċjali (c) għal raġunijiet privati (d) minn impjegatur Il-kategorija “Mhux applikabbli” tkopri l-unitajiet domestiċi privati kollha li ma jgħixux f’abitazzjonijiet konvenzjonali kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.	
Introjtu kurrenti nett fix-xahar tal-unità domestika	Il-varjabbli jirrapporta dwar l-introjtu kurrenti nett fix-xahar ta’ unità domestika privata, jiġifieri t-total tal-introjtu tal-membri kollha tal-unità domestika riċevut individwalment jew kollha f’daqqa — inkluż l-introjtu minn impjeg, minn benefiċċji soċjali, u introjtu ieħor fi flus, u wara t-tnaqqis ta’ trasferimenti ta’ flus imħallsa lil unitajiet domestiċi oħra — wara t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali. Il-varjabbli għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni dwar l-introjtu tal-unità domestika li jibqa’ disponibbli biex jintefaq jew jiġġemমা’ kull xahar bħala medja. Jekk l-introjtu tal-unità domestika jvarja sostanzjalment minn xahar għal xahar, trid tingħata stima tal-introjtu nett tipiku jew tas-soltu fix-xahar li tkun tirrifletti s-sitwazzjoni tal-introjtu kurrenti tal-unità domestika. Jekk l-introjtu tal-unità domestika fix-xahar ivarja sostanzjalment tul is-sena bħal fil-każ ta’ attività staġunali, trid tingħata l-medja fix-xahar tal-introjtu annwali. L-introjtu kurrenti nett fix-xahar irid jingħata bħala introjtu kurrenti nett totali tal-unità domestika jew bħala wieħed mill-ħames gruppi ta’ introjtu ekwivalizzat.	— Grupp ta’ introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar aktar baxx — Grupp ta’ introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar baxx sa medju — Grupp ta’ introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju — Grupp ta’ introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju sa għoli — Grupp ta’ introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar ogħla — Introjtu kurrenti nett totali fix-xahar tal-unità domestika (numru espress bil-munita nazzjonali) — Ebda risposta (‘)

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	Il-limiti bejn il-ħames gruppi ta' introjtu ekwivalizzat huma determinati mill-kwintili tad-distribuzzjoni tal-varjabbli u huma definiti kif ġej: — “Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar aktar baxx” jikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi b'livell ta' introjtu ekwivalizzat anqas mill-ewwel kwintil. — “Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar baxx sa medju” jikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi b'livell ta' introjtu ekwivalizzat daqs jew akbar mill-ewwel kwintil u inqas mit-tieni kwintil. — “Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju” jikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi b'livell ta' introjtu ekwivalizzat daqs jew akbar mit-tieni kwintil u anqas mit-tielet kwintil. — “Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar medju sa għoli” jikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi b'livell ta' introjtu ekwivalizzat daqs jew akbar mit-tielet kwintil u anqas mir-raba' kwintil. — “Grupp ta' introjtu kurrenti nett ekwivalizzat fix-xahar għoli” jikkorrispondi għall-unitajiet domestiċi b'livell ta' introjtu ekwivalizzat daqs jew akbar mir-raba' kwintil. L-ekwivalizzazzjoni tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' ponderazzjonijiet għall-membri tal-unitajiet domestiċi li jirriflettu d-differenzi fid-daqs u fil-kompożizzjoni tal-unità domestika, kif ġej: ponderazzjoni ta' 1,0 tiġi applikata għall-ewwel membru tal-unità domestika li għandu 14-il sena jew aktar; 0,5 għat-tieni u għal kull membru sussegwenti li għandu 14-il sena jew aktar, u 0,3 għal kull wild li għandu anqas minn 14-il sena.	
Permanenza tal-impjieg ewlieni	Il-varjabbli jiddistingwi jekk l-impjieg ewlieni għandux durata limitata (jiġifieri l-impjieg jew il-kuntratt jintemmx wara perodu predefinit), jew hux ibbażat fuq kuntratt permanenti mingħajr tmiem fiss. Il-varjabbli jirreferi għall-impjieg ewlieni ta' persuna fl-impjieg li tkun qed taħdem bħala impjegata. It-terminu “impjieg” jintuża b'referenza għall-impjieg. Il-kriterju li jiddetermina jekk persuna tkunx fl-impjieg hu speċifiku għall-kuntest għal kull ġbir tal-mikrodata. Impjieg wieħed hu sett ta' kompiti u dmirijiet imwettqa għal unità ekonomika waħda. Il-persuni jista' jkollhom impjieg wieħed jew aktar. Għall-impjegati, kull kuntratt jista' jitqies bħala sett separat ta' kompiti u dmirijiet, u għaldaqstant bħala impjieg separat. F'każijiet ta' involviment f'diversi impjegi, l-impjieg ewlieni jkun dak bl-itwal sigħat normalment maħduma, kif definit fl-istandards statistiċi internazzjonali fuq il-ħin tax-xogħol.	Il-livell ta' dettall tal-informazzjoni hu speċifiku għall-kuntest għal kull ġbir tal-mikrodata. — Kuntratt għal terminu fiss — kuntratt bil-miktub għal terminu fiss — ftehim verbali għal terminu fiss — Impjieg permanenti — kuntratt bil-miktub permanenti — ftehim verbali permanenti — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	Impjieġ b'kuntratt għal terminu fiss jintemm wara perjodu ta' żmien predeterminat (b'data magħrufa), jew wara perjodu mhux prestabbilit, iżda xorta definit bi kriterji oġġettivi, b'ħa-tlestija ta' kompitu jew il-perjodu ta' assenza ta' impjegat sostitwit temporanjament. Impjieġ b'kuntratt li ma għandux tmiem predefinit b'ħa dan, jitqies permanenti. Dak li jgħodd b'ħa impjieġ hu l-ftehim kuntrattwali jew dak informali jew verbali tar-relazzjoni tal-impjieġ, u mhux l-istennija li r-rispondent jaf jitlef l-impjieġ tiegħu, il-pjan tiegħu li jitleq mill-impjieġ, ix-xewqa tiegħu li jibqa' fl-impjieġ jew il-probabbiltà li jibqa' fl-impjieġ b'mod permanenti.	
Responsabbiltajiet superviżorji	Il-varjabbli jirreferi għall-impjieġ ewlieni attwali ta' persuna fl-impjieġ li tkun impjegata u jiddistingwi bejn impjegati b'kompiti superviżorji u dawk mingħajrhom. Persuna titqies li għandha responsabbiltajiet superviżorji jekk formalment tkun twettaq superviżjoni tax-xogħol ta' mill-anqas persuna oħra. Ir-responsabbiltajiet lejn l-apprendisti u t-trainees ma jgħoddux b'ħa superviżjoni u lanqas il-kontrolli tal-kwalità (verifika tal-output tas-servizzi iżda mhux il-ħidma li jagħmlu persuni oħrajn) jew il-konsulenti.	— Iva — Le — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Sena meta l-persuna bdiet taħdem għall-impjegatur tagħha jew għal rasha	Il-varjabbli jirreferi għall-impjieġ ewlieni attwali ta' persuna fl-impjieġ u jirrapporta dwar is-sena meta l-persuna bdiet taħdem għall-impjegatur attwali tagħha jew għal rasha fin-negozju attwali.	— Sena meta l-persuna bdiet taħdem għall-impjegatur attwali jew għal rasha fl-impjieġ ewlieni (espressa f'erba' ċifri) — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Daqs tal-unità lokali għall-impjieġ ewlieni	Il-varjabbli jirreferi għall-impjieġ ewlieni ta' persuna fl-impjieġ u jirrapporta dwar in-numru ta' persuni li jaħdmu għall-unità lokali inkluż dawk li jaħdmu fil-post tal-unità, u dawk li jaħdmu barra u li organizzazzjonalment jappartjenu għaliha u li jitħallsu minnha. Tinkludi wkoll lis-sidien tax-xogħol u lis-sħab li jaħdmu regolarment fl-unità u lill-ħaddiema bla h'as tal-familja, kif ukoll lill-ħaddiema part-time li jitħallsu. Anki l-ħaddiema staġunali, l-apprendisti, it-trainees u l-ħaddiema mid-dar li jitħallsu huma inklużi. L-unità lokali hi intrapriża jew parti minnha li tkun tinsab f'post identifikat ġeografikament.	— Numru eżatt ta' persuni, jekk bejn 1 u 9 — Minn 10 sa 19-il persuna — Minn 20 sa 49 persuna — Minn 50 sa 249 persuna — 250 persuna jew aktar — Mhux magħruf iżda anqas minn 10 persuni — Mhux magħruf iżda 10 persuni jew aktar — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)																		
Eżistenza ta’ esperjenza preċedenti tal-impjieg	Il-varjabbli jipprovdi informazzjoni dwar jekk persuna — li mhix fl-impjieg — kinitx fl-impjieg qabel (skont id-definizzjoni ta’ impjieg ⁽⁷⁾ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol), u dwar jekk l-esperjenza preċedenti tal-impjieg kinitx limitata jew le għal xogħol purament okkażjonali. Il-kategorija “Il-persuna qatt ma kienet fl-impjieg” tkopri lill-persuni li qatt ma kellhom esperjenza tal-impjieg. Il-kategorija “Il-persuna għandha esperjenza tal-impjieg limitata għal xogħol purament okkażjonali” tkopri lill-persuni li għandhom esperjenza tal-impjieg, u din l-esperjenza hi limitata għal xogħol purament okkażjonali. Għall-finijiet ta’ dan il-varjabbli, jenħtieġ li x-xogħol ta’ koskrutt ma jitqiesx bħala esperjenza tal-impjieg. Il-kategorija “Il-persuna għandha esperjenza tal-impjieg li mhux xogħol purament okkażjonali” tkopri lill-persuni li għandhom esperjenza tal-impjieg, għajr il-każijiet meta din l-esperjenza hi limitata għal xogħol purament okkażjonali.	— Il-persuna qatt ma kienet fl-impjieg — Il-persuna għandha esperjenza tal-impjieg limitata għal xogħol purament okkażjonali — Il-persuna għandha esperjenza tal-impjieg li mhux xogħol purament okkażjonali — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾																		
Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali (student jew apprendist) fil-perjodu ta’ referenza	Il-varjabbli jkejjel il-parteċipazzjoni ta’ persuna fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali billi jistabbilixxi jekk il-persuna hix reġistrata bħala student jew apprendist fi programm tal-edukazzjoni formali tul il-perjodu ta’ referenza (li jrid jiġi definit għal kull ġbir tal-mikrodata).	— Iva — Le — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾																		
Livell tal-attività attwali jew l-aktar edukazzjoni jew taħriġ formali riċenti	Il-varjabbli jkejjel il-livell tal-aktar attività riċenti tal-edukazzjoni jew t-taħriġ formali — li persuna pparteċipat fiha tul perjodu ta’ referenza partikolari (li jrid jiġi definit għal kull ġbir tal-mikrodata) — skont il-kategoriji tal-Istandard Internazzjonali tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni għall-Programmi tal-Edukazzjoni 2011 ⁽⁵⁾ (ISCED-P 2011).	Il-livell ta’ dettall tal-informazzjoni hu speċifiku għall-kuntest għal kull ġbir tad-<i>data</i> (id-dominju). Għal kull kategorija hemm indikati kodiċijiet ISCED-P fejn ikun hemm relazzjoni ta’ wieħed ma’ wieħed bejn kategorija u l-kodiċi <table><tr><td>ISCED 0 — Edukazzjoni bikrija</td><td>0</td></tr><tr><td>ISCED 1 — Edukazzjoni primarja</td><td>1</td></tr><tr><td>ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika</td><td>2</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja</td><td>3</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali</td><td>34</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali</td><td>35</td></tr><tr><td>ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — orjentazzjoni mhux magħrufa ⁽⁸⁾</td><td>-</td></tr><tr><td>ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja</td><td>4</td></tr><tr><td>ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — ġenerali</td><td>44</td></tr></table>	ISCED 0 — Edukazzjoni bikrija	0	ISCED 1 — Edukazzjoni primarja	1	ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika	2	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja	3	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	34	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	35	ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — orjentazzjoni mhux magħrufa ⁽⁸⁾	-	ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	4	ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — ġenerali	44
ISCED 0 — Edukazzjoni bikrija	0																			
ISCED 1 — Edukazzjoni primarja	1																			
ISCED 2 — Edukazzjoni sekondarja bażika	2																			
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja	3																			
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	34																			
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	35																			
ISCED 3 — Edukazzjoni sekondarja għolja — orjentazzjoni mhux magħrufa ⁽⁸⁾	-																			
ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	4																			
ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — ġenerali	44																			

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)	
		<i>ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali</i>	45
		<i>ISCED 4 — Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — orjentazzjoni mhux magħrufa ⁽⁸⁾</i>	-
		<i>ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra</i>	5
		<i>ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — ġenerali</i>	54
		<i>ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — vokazzjonali</i>	55
		<i>ISCED 5 — Edukazzjoni terzjarja f'ċikli qosra — orjentazzjoni mhux magħrufa ⁽⁸⁾</i>	-
		<i>ISCED 6 — Baċċellerat jew livell ekwivalenti</i>	6
		<i>ISCED 7 — Masters jew livell ekwivalenti</i>	7
		<i>ISCED 8 — Dottorat jew livell ekwivalenti</i>	8
		Ebda risposta ⁽¹⁾	
		Mhux applikabbli ⁽²⁾	
Sena meta ntlaħaq b'suċċess l-ogħla livell edukattiv	Is-sena meta ntlaħaq b'suċċess l-ogħla livell edukattiv (espressa b'erba' ċifri) Il-varjabbli jirreferi għas-sena meta ntlaħaq b'suċċess l-ogħla livell edukattiv u jikkonċerna lil persuni li ħalqu livell edukattiv tal-edukazzjoni primarja (ISCED 1) jew ogħla. Il-kategorija "Mhux applikabbli" tkopri individwi mingħajr edukazzjoni formali jew li laħqu livell edukattiv anqas mill-edukazzjoni primarja (ISCED 1). Il-kategorija "Mhux applikabbli" trid tintuża wkoll biex jingħaddu l-unitajiet statistiċi li huma parti mill-popolazzjoni tas-sors tad-<i>data</i> iżda li għalihom b'mod sistematiku ma tirrapporta l-ebda informazzjoni dwar il-varjabbli (eż. persuni taħt ċerta età).	— Sena meta ntemm b'suċċess l-ogħla livell edukattiv (4 ċifri) — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾	

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
Qasam tal-ogħla livell edukattiv milħuq b'suċċess	Il-qasam tal-ogħla livell edukattiv milħuq b'suċċess minn persuni li laħqu livell edukattiv tal-ISCED 3 jew ogħla. Il-qasam tal-ogħla livell edukattiv milħuq b'suċċess hu bbażat fuq "Oqsma tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ ISCED" (ISCED-F 2013) ⁽⁸⁾ Il-qasam hu d-dominju wiesa', il-fergħa jew is-suġġett tal-kontenut kopert minn programm edukattiv jew kwalifika. Il-kategorija "Mhux applikabbli" tkopri lil individwi mingħajr edukazzjoni formali jew li laħqu livell edukattiv anqas mill-ISCED 3.	Il-livell ta' dettall tal-informazzjoni hu speċifiku għall-kuntest għal kull għbir tad- <i>data</i> (id-dominju). Għal kull kategorija hemm indikati kodiċijiet ISCED-F fejn ikun hemm relazzjoni ta' wieħed ma' wieħed bejn kategorija u l-kodiċi ⁽⁹⁾ :
		Programmi u kwalifiki ġeneriċi 00
		Programmi u kwalifiki bażiċi 001
		Litteriżmu u numeriżmu 002
		Hiġiet u żvilupp personali 003
		Programmi u kwalifiki ġeneriċi mhux definiti aktar (009)
		Edukazzjoni 01
		Edukazzjoni 011
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve l-edukazzjoni 018
		Arti u studji umanistiċi 02
		Arti 021
		Studji umanistiċi (għajr il-lingwi) 022
		Lingwi 023
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve l-arti u l-istudji umanistiċi 028
		Arti u studji umanistiċi mhux definiti aktar (029)
		Xjenzi soċjali, ġurnaliżmu u informazzjoni 03
		Xjenzi soċjali u komportamentali 031
		Ġurnaliżmu u informazzjoni 032
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve xjenzi soċjali, ġurnaliżmu u informazzjoni 038

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
		Xjenzi soċjali, ġurnaliżmu u informazzjoni mhux definiti aktar (039)
		Negożju, amministrazzjoni u liġi 04
		Negożju u amministrazzjoni 041
		Liġi 042
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinkludu negożju, amministrazzjoni u liġi 048
		Negożju, amministrazzjoni u liġi mhux definiti aktar (049)
		Xjenzi naturali, matematika, statistiki 05
		Xjenzi bijoloġiċi u relatati 051
		Ambjent 052
		Xjenzi fiżiċi 053
		Matematika u statistika 054
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinkludu xjenzi naturali, matematika u statistiki 058
		Xjenzi naturali, matematika u statistiki mhux definiti aktar (059)
		Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICTs) 06
		Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni 061
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinkludu t-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICTs) 068
		Inġinerija, manifattura u kostruzzjoni 07
		Inġinerija u snajja' tal-inġinerija 071
		Manifattura u pproċessar 072
		Arkitettura u kostruzzjoni 073
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinkludu inġinerija, manifattura u kostruzzjoni 078

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)	
		<i>Inġinerija, manifattura u kostruzzjoni mhux definiti aktar</i>	(079)
		Agrikoltura, forestrija, sajd u studji veterinarji	08
		Agrikoltura	081
		Forestrija	082
		Sajd	083
		Studji veterinarji	084
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve agrikoltura, forestrija, sajd u studji veterinarji	088
		<i>Agrikoltura, forestrija, sajd u studji veterinarji mhux definiti aktar</i>	(089)
		Saħħa u benesseri	09
		Saħħa	091
		Benesseri	092
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve s-saħħa u l-benesseri	098
		<i>Saħħa u benesseri mhux definiti aktar</i>	(099)
		Servizzi	10
		Servizzi personali	101
		Servizzi tal-iġjene u tas-saħħa okkupazzjonali	102
		Servizzi tas-sigurtà	103
		Servizzi tat-trasport	104
		Programmi u kwalifiki interdixxiplinari li jinvolve servizzi	108
		<i>Servizzi mhux definiti aktar</i>	(109)
		Ebda risposta	
		Mhux applikabbli	

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
Durata tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza fi snin sħaħ	Id-durata tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza fi snin sħaħ tiddeskrivi l-intervall taż-żmien minn meta persuna tkun stabbiliet l-aktar residenza abitwali riċenti tagħha fil-pajjiż rapportatur, espress fi snin sħaħ, bħala waħda minn dawn li ġejjin: — Imwielda f'dan il-pajjiż u qatt ma għexet barra mill-pajjiż għal perjodu minimu ta' sena, u tkopri lil dawk il-persuni li twieldu fil-pajjiż rapportatur u li qatt ma kellhom ir-residenza abitwali tagħhom f'pajjiż ieħor għajr il-pajjiż rapportatur għal tal-anqas sena. — Numru ta' snin fil-pajjiż minn meta ġiet stabbilita l-aħħar ir-residenza abitwali f'dan il-pajjiż — numru sħiħ li jiddeskrivi l-perjodu taż-żmien minn meta persuna tkun stabbiliet l-aktar residenza abitwali riċenti tagħha sad-data ta' referenza (speċifika għal kull ġabra ta' mikrodata soċjali) fi snin sħaħ.	— Imwielda f'dan il-pajjiż u qatt ma għexet barra mill-pajjiż għal perjodu minimu ta' sena — Numru ta' snin f'dan il-pajjiż (mill-aħħar stabbiliment tal-post ta' residenza abitwali f'dan il-pajjiż) (2 ċifri) — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Saħħa ġenerali awtoperċepita	Is-saħħa ġenerali awtoperċepita hi valutazzjoni soġġettiva mill-individwu dwar is-saħħa tal-persuna b'mod ġenerali (aktar milli l-istat attwali tas-saħħa jew xi problemi temporanji possibbli tas-saħħa), inkluż dimensjonijiet differenti tas-saħħa, jiġifieri l-funzjonament fiżiku u emozzjonali, is-saħħa mentali (li tkopri l-benesseri psikoloġiku u d-disturbi mentali), u sinjali u sintomi bijomediċi.	— Tajba ħafna — Tajba — Passabbli (la tajba u lanqas ħażina) — Ħażina — Ħażina ħafna — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Problema ta' saħħa dejjema	Il-varjabbli "problemi ta' saħħa dejjema" hu valutazzjoni soġġettiva mill-individwu rigward il-problemi tas-saħħa kroniċi ta' persuna li tkopri dimensjonijiet fiżiċi, emozzjonali, komportamentali u mentali differenti tas-saħħa, tal-mard u tad-disturbi, kif ukoll uġiġħ, nuqqas ta' saħħa minħabba aċċidenti u korrimenti jew kundizzjonijiet konġenitali. Il-karatteristiċi ta' kundizzjoni li ilha teżisti jew kronika huma li din tkun permanenti u tista' tkun mistennija li teżiġi perjodu twil ta' superviżjoni, ta' osservazzjoni jew ta' kura. Jenħtieġ li l-mard jew l-problemi ta' saħħa dejjema jkunu ilhom (jew kienu rikorrenti) jew ikunu mistennija jdumu (jirrikorru) għal 6 xhur jew aktar. Il-kategorija "Iva" tirreferi għall-okkorrenza ta' problema ta' saħħa dejjema jew kronika waħda jew aktar, u "Le" tirreferi għan-nuqqas ta' xi problema ta' saħħa dejjema jew kronika kif perċepita mir-risponent.	— Iva — Le — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa	Il-varjabbli jkejjel il-livell awtovalutat individwali ta' limitazzjoni jew limitazzjonijiet kontinwi dejjiema (ta' mill-anqas 6 xhur) minħabba problema jew problemi ta' saħħa (kemm jekk fiżiċi, mentali jew emozzjonali, inkluż indeboliment jew limitazzjonijiet minħabba xjuħija) fil-parteċipazzjoni fl-attivitajiet li l-persuna normalment kienet twettaq. Attività hi definita bħala t-tweqqi ta' kompitu jew ta' azzjoni minn individwu. Il-limitazzjonijiet ta' attività huma definiti bħala diffikultajiet minn individwu fit-tweqqi ta' attività, iġġudatati skont standard tal-popolazzjoni ġeneralment aċċettat, fir-rigward tal-aspettattivi kulturali u soċjali b'rabta mal-attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies, li jkopru l-firxa kollha tax-xogħol jew tal-attivitajiet fl-iskola, fid-dar u fil-ħin liberu. Jenħtieġ li l-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa rikorrenti jew li jvarjaw ikunu jirreferu għall-aktar sitwazzjoni frekwenti li taffettwa l-attivitajiet tas-soltu tagħhom: — "Limitazzjoni serja" tfisser li t-tweqqi jew l-eżekuzzjoni ta' attività ma jistgħux isiru jew isiru biss b'diffikultà estrema u normalment bl-għajjnuna ta' persuni oħra. — "Limitazzjoni iżda mhux serja" tfisser li t-tweqqi jew l-eżekuzzjoni ta' attività tas-soltu tista' ssir b'xi diffikultajiet, iżda normalment mingħajr il-ħtieġa ta' għajjnuna ta' persuni oħra (jew normalment l-għajjnuna ma tkunx ta' kuljum). — "Ebda limitazzjoni affattu" tfisser li t-tweqqi jew l-eżekuzzjoni ta' aktivitajiet tas-soltu jistgħu jsiru mingħajr diffikultà, jew li kull limitazzjoni possibbli tal-attività ma tkunx damet aktar mill-aħħar 6 xhur.	— Limitatazzjoni serja — Limitatazzjoni iżda mhux serja — Ebda limitazzjoni affattu — Ebda risposta ⁽¹⁾ — Mhux applikabbli ⁽²⁾
Modi tal-intervista użata	Il-varjabbli jirrapporta dwar il-metodu użat biex tinġabar l-informazzjoni mingħand ir-risponent. Jekk id-<i>data</i> mingħand risponent tinġabar b'diversi modi, il-varjabbli jirrapporta dwar l-aktar mod użat b'mod predominanti. Fil-PAPI, il-CAPI u l-CATI, ikun hemm preżenti intervistatur. Il-CAWI hu awtoamministrat u r-risponent isegwi skritt mogħti fuq is-sit web. Il-kategorija "Oħrajn" tapplika meta l-mod użat tal-intervista ma jkunx kopert mill-kategoriji l-oħra, eż. intervista awtoamministrata assistita bil-karti (PASI) jew intervista awtoamministrata assistita b'kompjuter mhux ibbażat fuq il-web (CASI).	— Intervista personali assistita bil-karti (PAPI) — Intervista personali assistita b'kompjuter (CAPI) — Intervista tat-telefown assistita b'kompjuter (CATI) — Intervista fuq il-web assistita b'kompjuter (CAWI) — Oħrajn — Mhux applikabbli

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	Il-kategorija “Mhux applikabbli” trid tintuża biex jingħaddu l-unitajiet statistiċi — li huma parti mill-popolazzjoni tas-sors tad- <i>data</i> — li għalihom ma tiġi rrapportata l-ebda informazzjoni dwar dan il-varjabbli, eż. fil-każ ta’ persuni taħt ċerta età, kif ukoll fil-każ li l-informazzjoni kollha tkun inkisbet minn reġistri (jiġifieri <i>data</i> amministrattiva) jew imputata, jew it-tnejn, u ma tkun saret l-ebda intervista.	
Tip ta’ parteċipazzjoni fl-ist-harriġ	Il-varjabbli jirrapporta dwar jekk l-informazzjoni mitluba ġietx mogħtija mir-risponent magħżul, jew permezz ta’ persuna oħra (risponent bi prokura). Ir-risponent magħżul hu l-persuna indikata fid-dispożizzjonijiet għal kull għbir tal-mikrodata, li tintalab tagħti l-informazzjoni. “Parteċipazzjoni diretta” tirreferi għal sitwazzjoni meta r-risponent magħżul jagħti l-informazzjoni mitluba waħdu hu stess. Il-parteċipazzjoni diretta tinkludi wkoll każijiet meta r-risponent magħżul ikun ta l-informazzjoni mitluba bl-għajnuna ta’ persuna oħra (eż. traduzzjoni, assistenza fiżika) u jkun invalida t-tweġibiet mogħtija. “Parteċipazzjoni indiretta” tirreferi għal sitwazzjoni meta l-informazzjoni mitluba lir-risponent magħżul tkun tatha persuna terza (jiġifieri risponent bi prokura) mingħajr ma tkun ġiet validata mir-risponent magħżul. Il-kategorija “Mhux applikabbli” trid tintuża biex jingħaddu l-unitajiet statistiċi — li huma parti mill-popolazzjoni tas-sors tad-<i>data</i> — li għalihom ma tiġi rrapportata l-ebda informazzjoni dwar dan il-varjabbli kif ukoll fil-każ li l-informazzjoni kollha tkun inkisbet minn reġistri (jiġifieri <i>data</i> amministrattiva) jew imputata, jew it-tnejn, u ma tkun saret l-ebda intervista.	— Parteċipazzjoni diretta — Parteċipazzjoni indiretta — Ebda risposta (*) — Mhux applikabbli
Strat	L-istrat primarju li jikkorrispondi għal kull unità tal-osservazzjoni (persuna individwali jew unità domestika) jekk il-popolazzjoni fil-mira (jew parti minnha) tkun stratifikata fl-ewwel stadju tad-disinn tal-kampjun, filwaqt li jipprovdi kodiċijiet tal-identifikazzjoni għall-istrati differenti (identifikatur tal-istrat). Stratifikazzjoni ta’ popolazzjoni tfisser li din tinqasam f-subpopolazzjonijiet li ma jirrbux fuq xulxin, imsejħa strati. Imbagħad jintgħażlu kampjuni indipendenti f’kull strat. L-informazzjoni rreġistrata tirreferi dejjem għas-sitwazzjoni fil-mument tal-għażla tal-unità statistika kkonċernata (persuna individwali jew unità domestika).	— Identifikatur tal-istrat — Mhux applikabbli

Isem il-varjabbli	Deskrizzjoni tal-varjabbli	Kategoriji (klassifikazzjonijiet) tal-varjabbli għat-trażmissjoni tad- <i>data</i> lill-Kummissjoni (il-Eurostat)
	Il-kategorija “Identifikatur tal-istrat” tipprovdi l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrat li tappartjeni għalih kull unità tal-osservazzjoni (individwu jew unità domestika). Il-kodiċijiet tal-identifikazzjoni tal-istrat iridu jintużaw jekk il-popolazzjoni fil-mira tkun għet stratifikata, jew jekk ikunu tqiesu l-unitajiet primarji tal-kampjunar awtorappreżentattivi (il-PSUs). Il-kategorija “Mhux applikabbli” trid tintuża jekk il-popolazzjoni fil-mira ma tkunx għet stratifikata fl-ewwel stadju tal-proċess tal-kampjunar (eż. meta l-kampjun ikun ittieħed b’kampjunar aleatorju sempliċi jew b’kampjunar aleatorju minn raggruppamenti), u ma jkunx tqiesu l-PSUs awtorappreżentattivi.	
Unità Primarja tal-Kampjunar (PSU)	Il-varjabbli jirrapporta dwar l-unità primarja tal-kampjunar (il-PSU) li tikkorrispondi għal kull unità tal-osservazzjoni (persuna individwali jew unità domestika) jekk il-popolazzjoni fil-mira tinqasam fraggruppamenti, filwaqt li jipprovdi l-kodiċijiet tal-identifikazzjoni għar-raggruppamenti jew il-PSUs. Popolazzjoni tinqasam fraggruppamenti (jiġifieri f’subpopolazzjonijiet mhux konġunti) jekk il-kampjunar ta’ elementi diretti jkun impossibbli (minħabba nuqqas ta’ qafas tal-kampjunar) jew inkella l-implimentazzjoni tiegħu tkun għalja wisq (il-popolazzjoni jkollha distribuzzjoni ġeografika wiesgħa). Imbagħad jintgħażel kampjun tar-raggruppamenti (PSUs) fl-ewwel stadju tal-proċess tal-kampjunar. L-informazzjoni rreġistrata dejjem tirreferi għas-sitwazzjoni fil-mument tal-għażla tal-unità kkonċernata (individwu jew unità domestika). Il-kategorija “Identifikatur primarju tal-unità tal-kampjunar” tipprovdi l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-PSU (fost il-PSUs magħżula) li tappartjeni għalih kull unità tal-osservazzjoni (individwu jew domestika), jekk il-popolazzjoni fil-mira tkun inqasmet fraggruppamenti fl-ewwel stadju tal-kampjunar. Il-kategorija “Mhux applikabbli” trid tintuża meta l-popolazzjoni fil-mira ma tkunx għet raggruppata fl-ewwel stadju tal-proċess tal-kampjunar, eż. meta l-kampjun ikun ittieħed b’kampjunar aleatorju sempliċi jew b’kampjunar aleatorju stratifikat.	— Identifikatur primarju tal-unità tal-kampjunar — Mhux applikabbli

⁽¹⁾ Il-kategorija “Ebda risposta” trid tintuża għall-każijiet ta’ nonrisponsività, eż. ir-risponent ma jafx it-tweġiba jew jirrifjuta li jwieġeb.

⁽²⁾ Il-kategorija “Mhux applikabbli” trid tintuża għall-każijiet barra mill-ambitu ta’ varjabbli speċifiku, jiġifieri bħala riżultat tal-applikazzjoni ta’ filtru għal dak il-varjabbli, u trid tintuża wkoll biex jingħaddu l-unitajiet statistiċi – li huma parti mill-popolazzjoni tas-sors tad-*data* – li għalihom ma tiġi rrapportata b’mod sistematiku l-ebda informazzjoni dwar dan il-varjabbli, eż. fil-każ ta’ persuni taħt ċerta età.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90, kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁴⁾ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1978984/6037342/ISCO-08.pdf> (il-verżjoni bl-Ingliż, disponibbli wkoll bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

⁽⁵⁾ <http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-iscd-2011-en.pdf> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

⁽⁶⁾ <http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-iscd-2011-en.pdf> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

⁽⁷⁾ Dawk li qatt ma kellihom esperjenza tal-impjieg f’impjieg bi ħlas jew qligħ, b’mill-anqas siegħa xogħol fil-ġimgħa.

⁽⁸⁾ <http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/iscd-fields-of-education-and-training-2013-en.pdf> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

⁽⁹⁾ Il-kodiċijiet (009), (029), (039), (049), (059), (079), (089), (099), (109) huma kodiċijiet mhux tal-ISCED.